**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 3 ta' Dicembru 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Melvin Camilleri**
**VS**
**Gordon Schembri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gordon Schembri ta' 29 sena, bin Edwin u Nathalina nee' Galea, mwieled Hal-Tarxien, fis-7 ta' April 1986, residenti Blk 5, Flt 3, Triq Enrico Mizzi, Gzira jew 34, Triq San Publiju, Floriana u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 207386M;

Talli f' Malta f'Marzu 2011 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) Zamm jew xjentement ghen biex jinzamm persuna kontra r-rieda taghha f'burdell jew f'lokal iehor uzat bid rawwa ghal skop ta' prostituzzjoni;
2) Xjentement ghex ghal kollox jew f'parti minn fuq il-gliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra;

3) Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra immorali;
4) Filwaqt li kellu taht il-kontroll tieghu apparatament privat, halla jew ippermetta li dak l-appartament privat jintuza bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;
5) Filwaqt li kellu taht idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor xjentement ta' b'kiri jew ippermetta l-uzu tal-istess fond ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet immorali;
6) Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tahti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta taghha jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestarat dan bill l-persuna nzammet jew baghqet issekwestrata u dan billi l-persuna nzammet jew baqghet issekwestarat ghal akar minn ghoxrin jum, u wkoll li l-persuna mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil-mewt, u wkoll li l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorssjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex il-persuna ohra tkun imgieghla taghmel jew tonqos li taghmel att li jekk jaghmlu jew jonqos li jaghmlu volontarjament ikun delitt u wkoll li l-istess delitt sar bhala mezz biex persuna ohra tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess ta' dik il-persuna;
7) Ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospizi li giet moghtija lilu mill-Magistrat Dr Antonio Giovanni Vella datat 29 ta' Marzu 2007;
8) Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation fil-konfront tal-imputat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tieghu, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghalhekk tghaddi biex tikkonsidra l-piena ghal dan il-kaz. Il-mertu huwa wiehed serju hafna. Il-Qorti kellha l-okkazjoni tisma' l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari l-vittma tal-kaz, li nzammet kontra l-volonta' taghha tghix mal-imputat, u li ghal xi zmien hu ghex minn fuq il-qliegh mill-prostituzzjoni. Ghal reat serju bhal dan, il-piena ghandha biss tkun habs effettiv. Li kien ghal din il-Qorti, is-sentenza kienet tkun wahda severa daqs l-akkuza. Madankollu, il-gustizzja titlob li l-Qorti tikkunsidra elementi ohra biex tinghata l-piena xierqa. Ghal dan il-ghan kien gie appuntat ufficjal tal-Probation jara l-andament tal-imputat dan

l-ahhar zmien, sabiex dak li l-Qorti tipprovdi ghalih fis-sentenza taghha ikun dak li l-aktar ihalli effett fit-tul ghall-gid ta' kulhadd. Mill-istess rapport tal-ufficjal, jidher car li Gordon Schembri ma kellu ebda mudell tajjeb x'isegwi f'hajtu. Hu kien vittma ta' hajja kriminali daqs kemm hu ghamel lil haddiehor vittma ta' din il-hajja.

Biex dan ic-cirku jinqata' darba ghal dejjem, il-Qorti ser tipprova taghmel mal-imputat dak li s'issa ma rnexxiex isir. Il-qorti hadet qies tal-fedina penali tieghu, li mhix wahda felici xejn, izda l-ahhar kundanna tirrisali ghal bosta snin ilu. Tant hu hekk, li jirrisulta wkoll li llum hu qabad relazzjoni stabbli ma' persuna ohra, li qeghda tghinu jindirizza l-hajja tieghu f'direzzjoni ahjar. Ghalkemm il-Qorti hija ben konxja li din in-novita' fil-hajja tieghu mhix konverzjoni Pawljana jew mirakoluza, il-Qorti temmen li tista' sservi biex tinqabad triq li tista' tghinu jwarrab il-passat tieghu b'mod effettiv. Il-hsieb tal-Qorti hu li jkun hemm "combination" ta' ordni ta' servizz fil-komunita' ghall-hin massimu permess mil-ligi, flimkien ma' sentenza ta' prigunerija sospiza b'supervizjoni tal-istess ufficjal tal-Probation. L-intenzjoni hi li jinghata l-ghinuna biex is-sengha li ghandu ta' mastrudaxxa jipprova jizviluppaha u jsib xoghol legittimu u stabbli. Din sejra tkun l-ahhar opportunita' li ser jinghata l-imputat biex jindirizza l-hsara li ghamel lil haddiehor. Fil-kaz li jerga' jwettaq reat iehor waqt il-perijodu operattiv tas-sospensjoni tas-sentenza ta' prigunerija, m'hu ser ikollu ebda hajt ta' kenn iehor. Imbaghad, il-ligi ser tkun severissima mieghu, u m'hu ser ikollu lil hadd f'min iwahha hlief fih innifsu. Dan hu l-ahhar vapur ghall-art niexfa. Il-Qorti tawgura li Gordon Schembri ma jfallix din l-okkazjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17,31,23B,23C,49,50,533,18,86,87(a)(c)(e)(f)(g) u 28B tal-Kap 9, Artikoli 5,7(1),8,9 u 10 tal- Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tipprovdi s-segwenti:

Kwantu ghall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', u l-hames imputazzjonijiet, tenut kont ukoll li huma kollha komprizi w involut f'xulxin, tikkundannah piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ai terminu tal-Art 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kwantu ghas-sitt imputazzjoni, tordna l-hrug ta' ordni ta' servizz fil-komunita' ta' ghal erba' mija u tmenin siegha (480) ai terminu tal-Art 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**